KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.10.2007
KUMM(2007) 611 finali

2007/0212 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006

(preżentata mill-Kummissjoni)

[SEG(2007) 1334]
[SEG(2007) 1335]

WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI 3

L-isfond tal-proposta 3

Raġunijiet u għanijiet 3

Koerenza ma' politiki oħrajn 3

Riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-istimi ta' l-impatt 4

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati pubbliċi 4

Konsultazzjoni bl-internet 4

Kwistjonijiet imqajma u kif qed jiġu indirizzati 4

Stimi ta' l-impatt 4

Ġbir u użu ta' għarfien espert 5

Elementi ġuridiċi tal-proposta 5

Bażi ġuridika 5

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità 5

Is-sussidjarjetà 5

Il-proporzjonalità 6

Għażla ta' l-istrument ġuridiku 6

Introduzzjoni għall-proposta 6

1. Raġunijiet u għanijiet 6

2. Dispożizzjonijiet dettaljati 7

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 8

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA 15

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-ISFOND TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u għanijiet

Din il-proposta takkompanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet[1]. Il-proposta ta' l-aħħar tibni fuq leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kimiċi u tistabbilixxi sistema ġdida dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi billi timplimenta fl-UE il-kriterji internazzjonali miftehma mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Ġnus Magħquda (UN Ecosoc) għall-ikklassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi, imsejħa s-Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikar u t-Tikkettar tal-Kimiċi (GHS-*Globally Harmonised System of Classification and Labelling of Chemicals*).

Il-klassifikar ta' sustanzi u preparazzjonijiet taħt id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, li huma applikabbli attwalment, iġġib magħha obbligi oħrajn fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE, minn hawn 'il quddiem imsejħa leġiżlazzjoni implimentattiva.

Is-servizzi tal-Kummissjoni stmaw l-effetti potenzjali ta' l-implimentazzjoni tal-kriterji GHS dwar leġiżlazzjoni implimentattiva. L-analiżi tagħhom tikkonkludi li l-effetti huma jew minimi jew jistgħu jitnaqqsu kemm jista' jkun b'tibdiliet xierqa f'atti implimentattivi partikolari. Din id-Deċiżjoni proposta għandha l-għan li tagħmel tibdiliet tali f'għadd ta' atti implimentattivi, permezz ta' emendi li jqisu l-effetti tal-proposta dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet. Din hija ppreżentati flimkien ma' Regolament propost bil għan li jwettaq tibdiliet sabiex jindirizza l-effetti tal-proposta dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar għal Regolament eżistenti.

Koerenza ma' politiki oħrajn

L-analiżi ta' l-effetti potenzjali ta' l-implimentazzjoni tal-kriterji GHS fuq legiżlazzjoni implimentattiva ikkonkludiet li l-effetti huma jew minimi jew jistgħu jiġu minimizzati b'tibdiliet xierqa għal atti implimentattivi partikolari. Dan l-abbozz ta' Deċiżjoni jipproponi tibdiliet tali għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 76/768/KEE, 88/378/EEC, 1999/13/KE, 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE.

Matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati li saret dwar il-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet u li jindirizza wkoll l-effetti potenzjali fuq leġiżlazzjoni implimentattiva, xi partijiet semmew in-nuqqas ta' analiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fil-kriterji ta' klassifikar ta' l-UE. Madankollu, l-istima ta' l-effetti fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali hija fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tinkoraġixxi lill-Istati Membri janalizzaw l-atti implimentattivi nazzjonali tul il-linji ta' studju dwar il-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

---

[1] COM(2007) 355 finali.

RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET PUBBLIĊI U L-ISTIMI TA' L-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati pubbliċi

Konsultazzjoni bl-internet

Il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni mal-partijiet interessati pubbliċi dwar il-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet fuq l-internet mill-21 ta' Awwissu sal-21 ta' Ottubru 2006. It-tweġibiet kollha ġew ippubblikati fuq l-Internet. Waslu madwar 370 kontribut. 82% intbagħtu mill-industrija – kumpaniji jew assoċjazzjonijiet; mill-254 tweġiba tal-kumpaniji, 45% ġew minn intrapriżi b'anqas minn 250 impjegat. Wieġbu 10 NGOs. Wieġbet trejdjunjin waħda.

18-il gvern ta' Stati Membri u/jew awtoritajiet pubbliċi bagħtu kummenti. Awtoritajiet pubbliċi li mhumiex fl-UE (l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera, ir-Rumanija) taw il-kontribut tagħhom ukoll. L-ebda organizzazzjoni internazzjonali ma bagħtet kummenti. **97% tat-tweġibiet jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-GHS fl-UE.** B'mod ġenerali l-abbozzi tal-proposti tas-servizzi tal-Kummissjoni huma apprezzati ħafna mill-awtoritajiet u l-industrija ta' l-Istati Membri.

Kwistjonijiet imqajma u kif qed jiġu indirizzati

Ambitu: Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu (59%) la jappoġġjaw iż-żieda u lanqas it-tnaqqis tal-livell ta' ħarsien b'kuntrast mas-sistema ta' l-UE attwali, għajr fejn dan ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-leġiżlazzjoni tat-trasport jew mal-GHS. 5% ma kellhom l-ebda opinjoni, inklużi ħafna mill-NGOs. 36% jippreferu strateġija differenti. Minn dawn, grupp wieħed (korpi governattivi fid-Danimarka, l-Iżveżja, in-Norveġja, l-Iżlanda), riedu jmorru lil hinn mill-ambitu tas-sistema attwali; it-tieni grupp (assoċjazzjonijiet u kumpaniji) ippropona li jinkludi l-kategoriji kollha ta' GHS, iżda li ma jinkludix il-"fdalijiet ta' l-UE" li għad mhumiex parti mill-GHS.

Stimi ta' l-impatt

L-istima ta' l-impatt ġenerali tal-Kummissjoni għar-Regolament propost dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet u t-tibdiliet b'konsegwenza tagħha f'leġiżlazzjoni implimentattiva relatata għamlet użu mir-rapporti ta' konsultazzjoni mħejjija minn RPA u mill-*London Economics* kif ukoll mit-tweġibiet li ħarġu mill-konsultazzjoni mal-partijiet interessati. B'mod speċifiku, it-tweġibiet minn kumpaniji dwar l-ispejjeż wasslu għal aktar sforzi sabiex jikkwantifikaw elementi sinifikanti ta' l-ispejjeż. L-analiżi ġenerali turi li jeħtieġ li l-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni jiġu sorveljati sabiex jinkisbu l-benefiċċji netti tal-GHS fil-futur previst.

Il-miżuri stipulati f'din il-proposta jipprevedu adattament tar-referenzi għar-regoli u terminoloġija ta' klassifikar skond il-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet għall-atti implimentattivi kollha koperti bid-Deċiżjoni proposta attwali. Għad-Direttivi 76/768/KEE, 88/378/KEE, 2000/53/KE u 2002/96/KE, l-effetti potenzjali huma minimizzati billi jiġu koperti, fir-referenza għal sustanzi u taħlitiet perikoluży skond ir-Regolament propost dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, dawk il-limiti li huma diġà msemmija taħti ir-reġim attwali ta' l-UE dwar il-klassifikar u t-tikkettar, filqawt li ma jiżdiedux aktar limiti.

Fir-rigward tad-Direttiva 1999/13/KE, ma jsirx aktar adattament ta' referenza għall-kriterji ta' klassifikar minħabba li l-effetti potenzjali huma meqjusa bħala irrelevanti għall-ambitu tad-Direttiva. Id-Direttiva 2004/42/KE ma tibbaża l-ebda obbligazzjoni addizzjonali fuq il-klassifikar ta' sustanzi u taħlitiet.

Għalhekk, għal kull waħda mid-Direttivi implimentattivi ta' l-UE li huma proposti għall-emenda mid-Deċiżjoni proposta attwali, ma hemmx il-ħtieġa ta' aktar analiżi minbarra dik stipulata fl-istima ta' impatt ġenerali msemmija hawn fuq.

Ġbir u użu ta' għarfien espert

Il-GHS ġiet żviluppata minn organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-parteċipazzjoni ta' varjetà ta' partijiet interessati. B'mod simili għal dan, fl-UE saru diskussjonijiet tekniċi kontinwi ma' Stati Membri u partijiet interessati oħrajn matul l-aħħar snin. Wara l-pubblikazzjoni tal-*White Paper* "Strateġija għal Politika dwar il-Kimiċi futura", il-Kummissjoni kkonsultat fil-fond ma' esperti. Ir-riżultati tal-grupp ta' ħidma tekniku dwar il-klassifikar u t-tikkettar imsejjaħ mill-Kummissjoni bi tħejjija għal REACH[2] tqiesu fl-abbozzar ta' din il-proposta. Twettqu aktar studji[3] u fit-18 ta' Novembru 2005 saret diskussjoni informali mal-partijiet interessati dwar l-implimentazzjoni tal-GHS fl-UE.

ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Bażi ġuridika

Din il-proposta għandha bażi ġuridika doppja li tikkonsisti kemm mill-Artikolu 95 kif ukoll mill-Artikolu 175 (1) tat-Trattat tal-KE. Din il-bażi ġuridika doppja hija bażi ġuridika xierqa għal din id-Deċiżjoni proposta minħabba li timminimizza l-effetti għas-sitt Direttivi eżistenti li se jirriżultaw mill-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet. Tlieta minn dawn id-Direttivi huma msejsa fuq l-Artikolu 175 (1) tat-Trattat tal-KE, tlieta minnhom huma msejsa fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE. Iż-żewġ bażi ġuridiċi jserħu fuq il-proċedura ta' kodeċiżjoni stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE u għalhekk huma kumpattibbli minn perspettiva proċedurali. Bażi ġuridika doppja li tikkonsisti fiż-żewġ Artikoli msemmija qabel ġiet użata riċentament mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għar-Regolament dwar ċerti gassijiet fluworinati li joħolqu l-effett tas-serra[4].

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Is-sussidjarjetà

Sitt Direttivi eżistenti fl-oqsma tal-prodotti kosmetiċi, sikurezza tal-ġugarelli, emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili, vetturi li m'għadhomx tajbin għall-użu u skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku diġà għandhom dispożizzjonijiet ġuridiċi sostantivi. Id-Deċiżjoni proposta se

---

2 ECBI/03/02: *White Paper* Grupp ta' Ħidma dwar il-Klassifikar u t-Tikkettar: Taqsira tar-Rakkomandazzjonijiet minn Grupp ta' Ħidma Tekniku dwar Xogħlijiet 1 u 2.

3 Rapport finali: Għajnuna Teknika lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-GHS. Ökopol Institute for Environmental Strategies, July 2004.
Rapport finali: Technical support for the preparation of Annexes for the draft legislation implementing the Globally Harmonised System for Classification and Labelling of Chemicals (GHS). Milieu Environmental Law & Policy, January 2006.

4 ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

temenda d-Direttivi eżistenti sabiex tadattahom għar-regoli ta' klassifikar stipulati fil-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitliet. Dawn l-emendi jeħtieġ li jkunu l-istess eżatt fl-Istati Membri kollha, u għalhekk għandhom ikunu regolati fil-livell Komunitarju.

Il-proporzjonalità

Il-kriterji għall-klassifikar ta' sustanzi u taħlitiet bħala perikolużi jinsabu fil-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet. F'dik il-proposta, ġew miżjuda xi klassijiet u kategoriji ta' periklu b'kuntrast għas-sistema ta' l-UE attwali, li wasslu għall-klassifikar ta' sustanzi u taħlitiet li qabel ma kienux klassifikati. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, ma jrid ikun hemm l-ebda bidla fl-ambitu ta' leġiżlazzjoni implimentattiva sabiex ma jinħolqux obbligi ġodda. Id-Deċiżjoni proposta għandha l-għan li tiżgura dan, billi tinkludi f'sitt Direttivi referenza għall-kunċett ta' "perikoluż" li jinsab fl-Artikolu 3 (2) tal-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet u li hija konformi mas-sistema ta' l-UE attwali.

Għalhekk din il-proposta għal Deċiżjoni hija proporzjonali.

Għażla ta' l-istrument ġuridiku

L-għażla ta' Deċiżjoni hija ġustifikata. Fuq naħa waħda, din il-proposta temenda sitt Direttivi eżistenti li ġew trasposti f'leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru u li n-natura ġuridika tagħha mhix affettwata mill-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet. L-emendi introdotti minn din id-Deċiżjoni minn naħa tagħhom iridu jiġu trasposti f'leġiżlazzjoni ta' l-Istat Membru. Għalhekk huwa xieraq li jingħażel strument li mhux applikabbli direttament, iżda li minflok huwa indirizzat lill-Istati Membri. Fuq in-naħa l-oħra, il-maġġoranza ta' l-emendi misjuba f'din il-proposta huma maħsuba biss li jiġu applikabbli bosta snin wara l-adozzjoni ta' l-att ta' emenda, jiġifieri mill-1 ta' Diċembru 2010 u mill-1 ta' Ġunju 2015 rispettivament. Dan ikun jeħtieġ jew li jiġu stabbiliti dati ta' traspożizzjoni differenti għad-dispożizzjonijiet differenti skond id-dati rilevanti, li huwa kliem mhux tas-soltu għal Direttiva minn perspettiva ġuridika, jew data waħda ta' transpożizzjoni, li tkun teħtieġ lill-Istati Membri li jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali b'applikabbiltà diferuta għal xi dispożizzjonijiet, li mhux normali għal Direttiva. Deċiżjoni hija aktar effiċjenti biex tistpula fiċ-ċar l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri f'dan ir-rigward u għalhekk hija ppreferuta.

INTRODUZZJONI GHALL-PROPOSTA

Din id-Deċiżjoni temenda sitt Direttivi eżistenti sabiex tadattahom għall-kriterji għall-klassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet stipulati fil-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet.

1. RAĠUNIJIET U GHANIJIET

L-għan prinċipali ta' din id-Deċiżjoni huwa li tindirizza l-effetti ta' l-introduzzjoni ta' kriterji ta' klassifikar ġodda għal sustanzi u taħlitiet għal sitt Direttivi li jirreferu għall-klassifikar ta' sustanzi u taħlitiet, sabiex tipprevjeni tibdiliet mhux mixtieqa fl-ambitu u fl-obbligazzjonijiet. Fejn meħtieġ, hija tadatta d-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi għat-terminoloġija ġdida li tirriżulta minn kriterji ġodda u stqarrijiet ta' periklu ġodda introdotti mill-proposta dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar. It-terminu "taħlita" huwa introdott sabiex jieħu post it-

terminu "preparazzjoni", b'konformità mal-proposta dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet.

Fejn id-Direttivi jirreferu b'mod ġenerali għall-metodi ta' ittestjar stipulati fid-Direttiva 67/548/KEE, din il-proposta taġġorna din ir-referenza b'konformità mar-Regolament 1907/2006 (REACH) adottat riċentament li jipprevedi Regolament tal-Kummissjoni li jkun fih dawn il-metodi.

Għad-Direttiva 1999/13/KE, din il-proposta fiha bidla li hija konsegwenzjali wara li żewġ fażijiet ta' riskju msejħa R40 u R68 ħadu post il-fażi ta' riskju ta' qabel R40, operati bid-Direttiva 2001/59/KE. Dan il-bdil s'issa ma kienx ġie rifless fil-kliem tad-Direttiva 1999/13/KEE. Huwa xieraq li din il-bidla isseħħ issa sabiex tkun żgurata tranżizzjoni korretta għall-fażijiet ta' periklu korrispondenti previsti fil-proposta dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet.

2. DISPOŻIZZJONIJIET DETTALJATI

L-Artikoli 1 sa 6 jintroduċu t-tibdiliet meħtieġa għad-Direttivi 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE, 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE b'konformità mas-sejbiet ta' l-analiżi ta' l-effetti potenżjali tal-proposta għal Regolament dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet fuq il-leġiżlazzjoni implimentattiva ta' l-UE u l-għanijiet diskussi taħt it-taqsima ta' qabel.

Id-dati tad-dħul fis-seħħ mifruxa tat-tibdiliet jirriflettu d-dħul fis-seħħ mqassam tal-proposta għal Regolament imsemmija qabel. Dan huwa loġiku, minħabba li d-Deċiżjoni tintroduċi tibdiliet li huma konsegwenzjali għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 7 huwa artikolu standard li huwa meħtieġ kawża tan-natura ġuridika ta' Deċiżjoni.

2007/0212 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) ... dwar il-Klassifikar, it-Tikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi u Taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 u l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[7],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, li jemenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[8] jipprevedi l-armonizzazzjoni tal-klassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet fil-Komunità. Dan ir-Regolament se jieħu post id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-Regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi[9] kif ukoll d-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġi, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi[10].

(2) Ir-Regolament (KE) ... jibni fuq l-esperjenza tad-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE u jinkorpora l-kriterji għall-klassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet stipulati fis-

---

5 ĠU C

6 ĠU C

7 ĠU C

8 ĠU L

9 OJ 196, 16.8.1967, p. 1. Id-Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/121/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 850).

10 ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1. Id-Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikar u t-Tikkettar tal-Kimiċi (GHS) li ġiet adottata fil-livell internazzjonali, fi ħdan l-istruttura tal-Ġnus Magħquda.

(3) Ċerti dispożizzjonijiet dwar il-klassifikar u t-tikkettar stipulati fid-Direttivi 67/548/KEE u 199/45/KE jservu wkoll għall-għan ta' l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra, bħad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1967 dwar l-approsimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi[11], id-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli[12], id-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE tal-11 ta' Marzu 1999 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komponenti volatili organiċi minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet[13], id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw[14], id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku[15] u d-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emmissjonijiet ta' komponenti organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mill-ġdid ta' vetturi u li temenda d-Direttiva 1999/13/KE[16].

(4) L-inkorporazzjoni tal-kriterji GHS fil-leġiżlazzjoni Komunitarji twassal għall-introduzzjoni ta' klassijiet u kategorijiet ta' periklu ġodda li jikkorrispondu biss parzjalment ma' l-arranġamenti ta' klassifikar u tikkettar stipulati bid-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE. Analiżi dwar l-effetti potenzjali tat-tranżizzjoni mis-sistema l-qadima għall-ġdida ta' klassifikar u tikkettar wasslet għall-konklużjoni li bl-adattament tar-referenzi għall-kriterji ta' klassifikar fid-Direttivi 76/768/KEE, 88/378/KEE, 2000/53/KE u 2002/96/KE għas-sistema l-ġdida introdotta bir-Regolament (KE) Nru ..., l-ambitu ta' l-atti rispettivi għandhom jinżammu.

(5) Jeħtieġ ukoll li tiġi adattata d-Direttiva 76/768/KEE sabiex titqies l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (Reach), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE[17].

---

11 ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/22/KE (ĠU L 101, 18.4.2007, p. 11).

12 ĠU L 187, 16.7.1988, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 1).

13 ĠU L 85, 29.3.1999, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/42/KE (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87).

14 ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/673/KE (ĠU L 254, 30.9.2005, p. 69).

15 ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24. Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2003/108/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 106).

16 ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

17 ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

(6) Huwa xieraq li d-Direttiva 1999/13/KE tkun konformi mat-tibdil tal-frażi ta' riskju R40 biż-żewġ frażijiet ta' riskju R40 u R68 taħt id-Direttiva 67/548/KEE, sabiex tkun żgurata t-tranżizzjoni korretta għall-istqarrijiet ta' periklu stipulati fir-Regolament (KE) Nru ...

(7) It-tranżizzjoni mill-kriterji għall-klassifikar misjuba fid-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE titlesta fis-sħiħ fl-1 ta' Ġunju 2015. Il-manifatturi ta' kosmetiċi, ġugarelli, żebgħa, verniċi u prodotti ta' raffinar għall-vetturi u tagħmir elettriku u elettroniku huma manifatturi, importaturi jew utenti implimentattivi fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru ..., kif huma wkoll l-operaturi li l-attivitajiet tagħhom huma koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE. Kollha kemm huma għandhom jingħataw iċ-ċans li jiddisinjaw l-istrateġija ta' tranżizzjoni tagħhom taħt din id-Deċiżjoni f'perjodu ta' żmien simili għal dak taħt ir-Regolament (KE) Nru ....

(8) Id-Direttivi 76/768/KEE, 88/178/KEE, 1999/13/KE, 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE għandhom jiġu emendati skond dan.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Emenda għad-Direttiva 76/768/KEE

Id-Direttiva 76/768/KEE hija emendata kif ġej:

(1) il-kelma « preparazzjoni » jew "preparazzjonijiet" fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fil-verżjoni tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2006 tinbidel bil-kelma « taħlita » jew "taħlitiet" rispettivament fit-test kollu;

(2) fl-Artikolu 4a, il-punt d tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"(d) it-twettieq fuq it-territorju tagħhom ta' ttestjar ta' annimali ta' ingredjenti jew kombinazzjonijiet ta' ingredjenti sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard mid-data li fiha testijiet tali huma meħtieġa li jinbidlu b'metodu jew metodi vvalidat(i) elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni [...* dwar il-metodi tat-test]**, jew fl-Anness IX ta' din id-Direttiva.

---

* ĠU L …
** ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1."

(3) mill-1 ta' Diċembru 2010, l-Artikolu 4b tad-Direttiva 76/768/KEE jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4b

L-użu ta' prodotti kosmetiċi ta' sustanzi klassifikati bħala karċinoġeni, ċellula bijoloġika mutaġenika jew tossiċi għar-riproduzzjoni, ta' kategorija 1A, 1B jew 2, skond il-parti 3 ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Klassifikar u t-Tikkettar ta' Sustanzi u Taħlitiet *** għandu jiġi pprojbit. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta l-proċeduri

meħtieġa skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10 (2). Sustanza kklassifikata fil-kategorija 2 tista' tintuża fil-kosmetiċi jekk is-sustanza tkun ġiet ivvalutata mis-SCCNFP u misjuba aċċettabbli għall-użu fil-prodotti kosmetiċi.

*** ĠU L …"

(4) mill-1 ta' Diċembru 2010, fl-Artikolu 7a(1), l-aħħar sentenza tat-tieni sottoparagrafu tal-punt (h) jinbidel b'dan li ġej:

"It-tagħrif kwantitattiv meħtieġ taħt (a) li għandu jsir aċċessibbli pubblikament għandu jkun limitat għal sustanzi ta' periklu fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru ...";

(5) fl-Anness IX, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"Dan l-Anness jelenka l-metodi alternattivi vvalidati miċ-Ċentru Ewropew dwar il-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi (ECVAM) taċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta disponibbli sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u li mhumiex elenkati fir-Regolament [..]."

Artikolu 2
Emenda għad-Direttiva 88/378/KEE

Id-Direttiva 88/378/KEE hija emendata kif ġej:

(1) il-kelma « preparazzjoni » jew "preparazzjonijiet" fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fil-verżjoni tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2006 tinbidel bil-kelma « taħlita » jew "taħlitiet" rispettivament fit-test kollu;

(2) mill-1 ta' Ġunju 2015, fit-taqsima 2 tal-parti II ta' l-Anness II, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Ġugarelli li, għal raġunijiet essenzjali għat-tħaddim tagħhom, fihom sustanzi jew taħlitiet perikolużi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-Klassifikar u Tikkettar ta' Sustanzi u Taħlitiet*, b'mod partikolari materjali u tagħmir għal esperimenti tal-kimika, assemblaġġ ta' mudell, mudellar bil-plastik jew biċ-ċeramika, xogħol ta' żmalt, fotografija jew attivitajiet simili, ma jistax ikollhom, sustanzi jew taħlitiet li jistgħu jieħdu n-nar kawża tat-telf ta' komponenti volatili li ma jieħdux in-nar.

* ĠU L …"

(3) mill-1 ta' Ġunju 2015, fit-taqsima 3 tal-parti II ta' l-Anness II, l-ewwel paragrafu tal-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-ġugarelli ma jistax ikun fihom sustanzi jew taħlitiet perikolużi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru ... f'ammont li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tat-tfal li jużawhom. Huwa pprojbit, f'kull avveniment, li jiġi inkluż,

f'ġugarell, sustanzi jew taħlitiet perikolużi tali jekk dawn huma maħsuba għall-użu waqt li l-ġugarell ikun qed jintuża.

(4) mill-1 ta' Ġunju 2015, fit-taqsima 4 ta' l-Anness IV, it-titolu u l-punt (a) jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Ġugarelli li jkun fihom sustanzi jew taħlitiet minnhom infushom perikolużi. Ġugarelli kimiċi

(a) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru ..., l-istruzzjonijiet għall-użu ta' ġugarelli li fihom sustanzi jew taħlitiet minnhom infushom perikolużi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3 (2) ta' dak ir-Regolament għandu jkollhom twissija dwar in-natura perikoluża ta' dawn is-sustanzi jew taħlitiet u indikazzjoni tal-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu mill-utenti sabiex jiġu evitati perikli assoċjati magħhom, li għandhom jiġu speċifikati fil-qosor skond it-tip tal-ġugarell. L-ewwel għajnuna li għandha tingħata fil-każ ta' inċidenti serji kkawżati mill-użu ta' dan it-tip ta' ġugarell għandha tissemma wkoll. Għandu jingħad ukoll li l-ġugarelli għandhom jinżammu 'lbogħod mit-tfal iż-żagħar ħafna."

Artikolu 3
Emenda għad-Direttiva 1999/13/KE

Id-Direttiva 1999/13/KE hija emendata kif ġej:

(1) il-kelma « preparazzjoni » jew "preparazzjonijiet" fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fil-verżjoni tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2006 tinbidel bil-kelma « taħlita » jew "taħlitiet" rispettivament fit-test kollu;

(2) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) mill-1 ta' Ġunju 2015, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Sustanzi jew tħejjijiet li, minħabba l-kontenut ta' VOCs tagħhom klassifikat bħala karċinoġeni, mutaġeni, jew tossiċi għar-riproduzzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom l-istqarrijiet ta' riskju H340, H350, H350i, H360D jew H360F għandhom jinbidlu, sakemm huwa possibbli u billi titqies il-gwida kif imsemmija fl-Artikolu 7 (1), b'sustanzi jew taħlitiet ta' anqas ħsara fl-iqsar perjodu ta' żmien possibbli.

---

* ĠU L …"

(b) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "il-frażi ta' riskju R40" jinbidlu b'"il-frażijiet ta' riskju R40 jew R68";

(ii) il-kliem "it-tikkettar R40" jinbidlu b'"it-tikkettar R40 jew R68";

(iii) mill-1 ta' Ġunju 2015, il-kliem "il-frażijiet ta' riskju R40 jew R68" jinbidlu b'"l-istqarrijiet ta' periklu H341 jew H351";

(iv) mill-1 ta' Ġunju 2015, il-kliem "it-tikkettar R40 jew R68" jinbidlu b'"l-istqarrijiet ta' periklu H341 jew H351";

(c) mill-1 ta' Ġunju 2015, fil-paragrafu 9, il-kliem "frażijiet ta' riskju" jinbidlu bil-kliem "stqarrijiet ta' periklu"';

(d) il-paragrafu 13 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem "it-tikkettar R40, R60 jew R61" jinbidlu b'"il-frażijiet ta' riskju R40, R68, R60 jew R61";

(ii) mill-1 ta' Ġunju 2015, il-kliem "il-frażijiet ta' riskju R40, R68, R60 jew R61" jinbidlu b'"l-istqarrijiet ta' periklu H341, H351, H360F jew H360D".

Artikolu 4
Emenda għad-Direttiva 2000/53/KE

Mill-1 ta' Diċembru 2010, fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/53/KE, il-paragrafu 11 jinbidel b'dan li ġej:

"11. 'sustanza ta' periklu' tfisser kwalunkwe sustanza li hija meqjusa bħala perikoluża fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

* ĠU L …"

Artikolu 5
Emenda għad-Direttiva 2002/96/KE

Id-Direttiva 2002/96/KE hi emendata kif ġej:

(1) Mill-1 ta' Ġunju 2015, il-kelma "preparazzjoni" jew "preparazzjonijiet" fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fil-verżjoni tiegħu tat-30 ta' Diċembru 2006 tinbidel bil-kelma "taħlita" jew "taħlitiet" rispettivament fit-test kollu;

(2) mill-1 ta' Ġunju 2015, fl-Artikolu 3, il-punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

" (1) 'sustanza jew taħlita ta' periklu' tfisser kwalunkwe sustanza jew taħlita li trid titqies bħala perikoluża fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

* ĠU L …"

(3) fit-taqsima 1 ta' l-Anness II, it-tlettax-il inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"- komponenti li fihom fibri taċ-ċeramika refrattivi kif deskritti fil-parti 3 ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

---

* ĠU L …"

Artikolu 6
Emenda għad-Direttiva 2004/42/KE

L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/42/KE huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-kelma « preparazzjoni » tinbidel b'« taħlita »;

(b) fil-paragrafu 8, il-kelma "preparazzjoni" tinbidel b'"taħlita".

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Qasam(oqsma) ta' politika: 02 - INTRAPRIŻA

Attività(attivitajiet): 04 – NIKSBU AKTAR MIS-SUQ INTERN

TITOLU TA' L-AZZJONI: PROPOSTA GĦAL SISTEMA ARMONIZZATA GLOBALMENT GĦALL-IKKLASSIFIKAR U T-TIKKETTAR TAL-KIMIĊI

1. PARTI 1: LINJI BAĠITARJI

1.1. **Linji baġitarji (linji operattivi u linji ta' għajnuna teknika u amministrattiva relatati (eż.- linji B.A.)) inklużi l-intestaturi:**

Mhux applikabbli.

1.2. **Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:**

Mhux applikabbli

Għal raġunijiet spjegati taħt it-Taqsima 3.1 ta' dan id-Dokument, ma hemm l-ebda spejjeż addizzjonali direttament relatati ma' din il-proposta leġiżlattiva dwar il-baġit Komunitarju.

Spejjeż li huma relatati max-xogħol ma' Kumitati Tekniċi meħtieġa għal din il-leġiżlazzjoni se jinġarru mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (linja baġitarja 02 03 03), li trid tiġi stabbilita taħt il-proposta tal-Kummissjoni COM (2003) 644.

Madankollu, dawn l-ispejjeż mhumiex se jkunu differenti mill-ispejjeż relatati mat-tmexxija tal-leġiżlazzjoni eżistenti għall-ikklassifikar u t-tikkettar ta' sustanzi u preparazzjonijiet. Dan ir-regolament jieħu post żewġ biċċiet ta' Leġiżlazzjoni[18] oħrajn mingħajr ma joħloq spejjeż addizzjonali għall-baġit Komunitarju.

1.3. **Karratteristiċi baġitarji (ara ir-ringiela jekk meħtieġ)**

Linja Baġitarja	Tip ta' nefqa	Ġdid	Kontribuzzjoni EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura f'perspettiva finanzjarja

[18] Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-klassifikar, l-ippakkjar u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi kif emendata [ĠU 196, 16.8.1967, p. 1] u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/45/KE dwar il-klassifikar, l-ippakkjar u t-tikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi, kif emendata [ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1]

Mhux applikabbli

2. PARTI 2: TAQSIJA TAR-RIŻORSI

2.1. Riżorsi Finanzjarji

2.1.1. Taqsira ta' approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)

EUR miljun (sa 3 punti dečimali)

Tip ta' nefqa	Taqsima Nru.		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
Nefqa operattiva									
Approprjazzjonijiet ta' Impenn (IA)	6.1	a	***Mhux applikabbli***						
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas (AĦ)		b							
Nefqa amministrattiva ikluża fl-ammont ta' referenza									
Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	6.2.4	c	***Mhux applikabbli***						
AMMONT TA' REFERENZA TOTALI									
Approprjazzjonijiet ta' Impenn		**a+c**	***Mhux applikabbli***						
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas		**b+c**							

Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	6.2.5	d	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	2.106
Spejjeż amministrattivi, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	6.2.6	e	--	--	--	--	--	--	--

Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervenzjoni

TOTAL AI inkluż l-ispiża ta' Riżorsi Umani		a+c+d+e	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	2.106
TOTAL AĦ inkluż l-ispiża ta' Riżorsi Umani		b+c+d+e	--	--	--	--	--	--	--

Dettalji ta' kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew korpi oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali jekk jiġu previsti diversi korpi għad-dispożizzjoni tal-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Korp ta' kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
	f							
TOTAL AI inkluż kofinanzjament	a+c +d+ e+f	***Mhux applikabbli***						

2.1.2. *Kompatibbiltà ma' Programmar Finanzjarju*

X Il-proposta hija kompatibbli mal-programmar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tkun tikkonsisti fi programmar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

2.1.3. *Impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

X Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

		Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja Baġitarja	Dħul		[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][19]
	a) Dħul f'termini assoluti		***Mhux applikabbli***					

[19] Għandhom jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun meħtieġ, jiġifieri jekk it-tul ta' l-azzjoni taqbeż is-sitt snin.

	b) Bidla fid-dħul	*Δ*	

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja baġitarja ta' dħul involuta, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja baġitarja waħda.)

2.2. **Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċċjali, persunal temporanju u estern) – ara d-dettall taħt il-punt 6.2.1.**

Ħtiġijiet annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
Għadd totali ta' riżorsi umani	3	3	3	3	3	3

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fl-allokazzjoni mogħtija lid-DĠs ta' tmexxija (koresponsabbiltà ta' ENTR u ENV) fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali.

3. PARTI 3: KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

Dettalji tal-kuntest tal-proposta huma meħtieġa fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Din it-taqsima tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi t-tagħrif komplimentarju speċifiku li ġej:

3.1. Jeħtieġ li jintlaħaq f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Kif spjegat fi 3.2 hawn taħt, din il-proposta tieħu post leġiżlazzjoni eżistenti bi kważi l-istess ambitu.

Id-DĠ ENV huwa responsabbli għall-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-klassifikar ta' sustanzi perikolużi li hija mmexxija l-aktar mill-Uffiċċju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECB) f'Ispra taħt ftehim speċjali mad-DĠ ENV; filwaqt li d-DĠ ENTR għandu r-responsabbiltà li jmexxi l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar preparazzjonijiet perikolużi. Hekk kif l-ECB imexxi ħafna mill-Kumitati Tekniċi kumplessi, li huma responsabbli mix-xogħol preparatorju, huwa xogħol il-Kummissjomi li tħaddan ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kumitati Tekniċi u tmexxi l-proċedura tal-Kumitat assoċjata. Għal dan il-għan, il-persunal jinżamm fid-DĠ ENV u DĠ ENTR.

Taħt il-proposta l-ġdida, ix-xogħol mal-Kumitati Tekniċi se jiġi ttrasferit mill-ECB għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi f'Helsinki. L-opinjonijiet, li

se jagħtu l-Kumitati ta' l-Aġenzija, se jingħataw lill-Kummissjoni li mbagħad se tmexxi l-proċedura tal-Kumitat assoċjata.

L-estimi huma li r-rekwiżiti tar-riżorsi umani fil-Kummissjoni ma jinbidlux bl-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida. Għalhekk, din il-proposta leġiżlattiva ma ġġibx magħha rekwiżiti ta' riżorsi addizzjonali (imqabbla mal-leġiżlazzjoni eżistenti).

3.2. Valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u sinerġija possibbli

Attwalment, hemm għadd kbir ta' sistemi ta' klassifikar u tikkettar (K&T) differenti għal kimiċi (sustanzi u preparazzjoni, term GHS: taħlitiet) fis-seħħ f'ġurisdizzjonijiet differenti madwar id-dinja (pereżempju l-Unjoni Ewropea, l-USA, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, l-Awstralja). B'konsegwenza ta' dan, sistemi K&T huma differenti kif huwa wkoll it-tagħrif dwar is-Saħħa u s-Sikurezza (S&S) li jirriżulta dwar l-istess tip ta' sustanzi u taħlitiet li joriġinaw minn pajjiżi differenti.

Fl-1992, il-Konferenza tal-ĠM dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp (UNCED) f'Rio de Janeiro identifikat l-armonizzazzjoni tas-sistemi tal-klassifikar u t-tikkettar għal kimiċi bħala wieħed mill-programmi ta' azzjoni tagħha.

B'riżultat ta' dan, ġiet żviluppata sistema ġdida f'kooperazzjoni ma' bosta organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Istati Membri ta' l-UE, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati kienu involuti bil-bosta f'din il-ħidma ta' żvilupp.

F'Diċembru 2002, din is-sistema ġdida, is-Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikar u t-Tikkettar tal-Kimiċi (GHS), ġiet miftehma mill-Kumitat ta' l-Esperti tal-ĠM dwar it-Trasport ta' Prodotti Perikolużi u s-Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikar u t-Tikkettar tal-Kimiċi (CETDG/GHS) f'Ġeneva. Il-GHS kienet formalment adottata mill-UN ECOSOC[20] f'Lulju 2003 u saret disponibbli għall-implimentazzjoni.

Minkejja n-natura ma torbotx tal-ftehim, is-sistema GHS l-ġdida hija standard internazzjonali *de facto*. Minbarra li qed tipparteċipa fix-xogħol sabiex il-GHS tiġi żviluppata fil-livell tal-ĠM, il-Kummissjoni ħabbret f'bosta okkażżjonijiet l-għan tagħha li timplimenta l-GHS f'leġiżlazzjoni Komunitarja. Fid-29 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni iddikjarat fil-memorandum ta' spjegazzjoni ta' l-emenda għal 67/548/KE, adottat fl-istess żmien bħall-proposta REACH li:

"hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi l-inklużjoni tal-GHS, li dwarha kien hemm qbil internazzjonali, fil-liġi Komunitarji kemm jista' jkun malajr"

---

[20] Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Ġnus Magħquda

u, b'mod aktar speċifiku li:

"il-Kummissjoni se tressaq il-proposti meħtieġa sabiex tiġi adottata fl-istess waqt ta' l-adozzjoni finali tal-leġiżlazzjoni REACH".

Il-proposta attwali se tieħu post 2 Direttivi Ewropej eżistenti li jinkludu aktar[21] minn 10 Emendi u 30 Adattament għall-Progress Tekniku. Minħabba li dan il-qasam kien diġà leġislat fil-livell Ewropew u huwa relatat ma' l-introduzzjoni ta' standard internazzjonali bil-għan li jintlaħaq livell għoli ta' armonizzazzjoni, l-involviment Komunitarju huwa ġġustifikat.

3.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-għanijiet tal-proposta huwa li tikkontribwixxi mhux biss għall-armonizzazzjoni tas-suq intern iżda li tipproteġi aħjar is-saħħa umana u l-ambjent u fl-istess waqt tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u tiffaċilità l-kummerċ internazzjonali.

F'dan il-kuntest ta' min jgħid li s-sitwazzjoni eżistenti, jiġifieri deskrizzjonijiet ta' perikolu differenti għall-istess sustanza, ma tikkontribwixxix għall-ħarsien tas-saħħa umana u lanqas ma tiffaċilita l-kummerċ internazzjonali minħabba li l-industrija trid tapplika tabelli differenti għall-istess sustanza skond ir-reġjun importatur.

Għar-riżultati mistennija tal-proposta, ara r-Rapport ta' l-Istima ta' l-Impatt finali ta' din il-proposta li għamel użu estensiv mill-istudji dettaljati ta' l-RPA u l-*London Economics* kif ukoll it-tweġibiet tal-Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati. B'mod speċifiku, it-tweġibiet minn kumpaniji dwar l-ispejjeż wasslu għal aktar sforzi sabiex jikkwantifikaw elementi sinifikanti ta' l-ispejjeż. L-analiżi ġenerali turi li jeħtieġ li l-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni jiġu sorveljati sabiex jinkisbu l-benefiċċji netti tal-GHS fil-futur prevedibbli. Dan jeħtieġ perjodu tranżitorju ta' tul xieraq, bħal 3 snin għal sustanzi sabiex ikunu fuq l-istess linja mad-data ta' l-għeluq għall-inventorju ta' klassifikar u tikkettar, u għal taħlitiet madwar 4.5 snin sabiex jiġu evitati l-ispejjeż u r-riskju ta' nuqqas ta' effiċjenza sinifikanti fix-xogħol kawża ta' perjodi li huma qosra jew twal wisq.

Kwalunkwe studji addizzjonali dwar l-istabbiliment ta' xenarju bażiku jew it-tifsira ta' indikaturi sabiex jitkejjel l-impatt tal-leġiżlazzjoni proposta wisq probabbli jispiċċaw biex ma jkunux proporzjonati u għalhekk ma jitwettqux. Ir-raġunijiet għaliex studji tali probabbilment ma jkunu proporzjonati huma:

---

21 Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar il-klassifikar, l-ippakkjar u t-tikkettar ta' sustanzi perikolużi kif emendata [ĠU 196, 16.8.1967, p. 1] u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/45/KE dwar il-klassifikar, l-ippakkjar u t-tikkettar ta' preparazzjonijiet perikolużi, kif emendata [ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1]

– Din il-proposta leġiżlattiva tirrelata ma' l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali. Lanqas valutazzjoni *ex-ante* negattiva ma twassal biex il-Kummissjoni ma tressaqx proposta leġiżlattiva tali minħabba li ma jeżistu l-ebda għażliet ta' politika oħrajn.

– Valutazzjoni *ex-post* negattiva ma twassalx biex il-Kummissjoni tirtira mill-impenn tagħha li timplimenta s-sistema ta' Klassifikar u Tikkettar li dwarha kien hemm qbil internazzjonali.

3.4. Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

Uri hawn taħt il-metodu(metodi) magħżula għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

X Tmexxija Ċentralizzata

X Direttament mill-Kummissjoni (b'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, jekk jogħġbok ara hawn taħt)

ˆ Indirettament minn delegazzjoni lil:

ˆ Aġenziji Eżekuttivi

X Korpi stabbiliti mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju (l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandha tiġi stabbilita taħt il-proposta tal-Kummissjoni COM (2003) 644)

ˆ Korpi fis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni fis-servizz pubbliku

ˆ Tmexxija maqsuma jew diċentralizzata

ˆ Ma' Stati Membri

ˆ Ma' Pajjiżi Terzi

ˆ Tmexxija konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)

Kummenti rilevanti:

4. PARTI 4: SORVELJANZA U VALUTAZZJONI

4.1. Sistema ta' sorveljanza

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jqiegħdu l-attivitajiet ta' sorveljanza u valutazzjoni dwar ir-Regolament fuq l-istess linja ma' l-isforzi korrispondenti fil-livell tal-ĠM u dawk għal REACH.

UNITAR u OECD se jirrevedu l-limitu tal-konverġenza tas-sistemi K&T madwar id-dinja kif ġew realizzati mill-GHS, l-ewwelnett billi jaraw jekk il-benefiċċji mistennija ta' l-armonizzazzjoni ġewx realizzati kif ukoll billi jidentifikaw il-passi xierqa li jmiss lejn rekwiżiti tal-K&T aktar uniformi. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu l-għajnuna esperta tagħhom għal dan ix-xogħol ta' reviżjoni, imsejsa fuq il-klassifikar tal-GHS kif irreġistrat fl-inventorju tal-klassifikar u t-tikkettar REACH.

4.2. Valutazzjoni

4.2.1. *Valutazzjoni* ex-ante

Fuq il-bażi tar-rapporti ta' kull ħames snin mill-Istati Membri (kif mitlub mill-Artikolu 46 tar-Regolament), il-Kummissjoni se tevalwa kemm ir-Regolament huwa applikat b'mod korrett u jekk hemmx nuqqas ta' effiċjenza fl-applikazzjoni.

L-ewwel valutazzjoni (jiġifieri dik ta' wara ħames snin) se tiffoka fuq it-tranżizzjoni tal-klassifikar tas-sustanzi għal GHS, b'attenzjoni fuq it-tranżizzjoni li tkun għaddejja ta' klassifikar ta' taħlitiet, kif ukoll tinforma r-reviżjoni ta' REACH prevista għal seba' snin wara d-dħul fis-seħħ.

It-tieni valutazzjoni (jiġifieri dik ta' wara għaxar snin) tkun tista' tevalwa l-perjodu ta' tranżizzjoni kollu. Iż-żewġ valutazzjonijiet jistgħu jużaw kampjun ta' kimiċi bil-klassifikar "qadim" u "ġdid" tagħhom sabiex jiċċekkjaw jekk seħħx tibdil sinifikanti fl-ambitu, u sabiex jevalwaw il-kwalità (bidla fil-kwalità) tal-klassifikar u t-tikkettar.

4.2.2. *Miżuri meħuda wara valutazzjoni intermedjarja/*ex-post *(tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat)*

Mhux applikabbli.

4.2.3. *Termini u frekwenza tal-valutazzjoni futura*

Jekk jogħġbok ara 4.2.1

5. PARTI 5: MIŻURI KONTRA L-FRODI

Minħabba li din il-proposta ma fihix, u lanqas ma tirriżulta fi, tmexxija ta' riżorsi finanzjarji, din it-taqsima ma tapplikax.

6. PARTI 6: DETTALJI TAR-RIŻORSI

6.1. Għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa 3 punti dečimali)

(Intestaturi ta' Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom jingħataw)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 u wara		TOTAL	
			Nru. ta' riżultati	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**	**Nru. ta' riżultati**	**Spiża totali**
GĦAN OPERATTIV Nru.1[22]																
Azzjoni 1																
- Riżultat 1																
- Riżultat 2Riżultat																
Azzjoni 2																
- Riżultat 1Riżultat																
Sottototal Għan 1																
GĦAN OPERATTIV Nru.2 [1]……																
Azzjoni 1																
- Riżultat 1Riżultat																
Sottototal Għan 2																
GĦAN OPERATTIV Nru.n [1]																

Mhux applikabbli

[22] Kif deskritt taħt Taqsima 5.3

Sottototal Ġħan n			
SPIŻA TOTALI			

6.2. Nefqa Amministrattiva

6.2.1. *Għadd u tip ta' riżorsi umani*

Tipi ta' karigi		**Persunal li għandu jiġi assenjat bit-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**ġħadd ta' postijiet/FTEs**)**					
		Sena n	**Sena n+1**	**Sena n+2**	**Sena n+3**	**Sena n+4**	**Sena n+5**
Uffiċjali jew persunal temporanju [23] (XX 01 01)	**A*/AD**	**3***	**3***	**3***	**3***	**3***	**3***
	B*, C*/AST	*Mhux applikabbli*					
Persunal finanzjat[24] mill-Art. XX 01 02							
Persunal ieħor[25] finanzjat mill-Art. XX 01 04/05							
TOTAL		**3**	**3**	**3**	**3**	**3**	**3**

* Attwalment persuna waħda fid-DĠ ENV u żewġ persuni fid-DĠ ENTR

6.2.2. *Deskrizzjoni ta' ħidmiet maħruġa mill-azzjoni*

Taħt il-leġiżlazzjoni l-ġdida l-għażliet dwar il-klassifikar u t-tikkettar formulati mill-Kumitati ta' l-Aġenzija se jintbagħtu lill-Kummissjoni. Wara jkun xogħol il-Kummissjoni li tmexxi x-xogħol tal-Kumitat relatat.

B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni se tibqa' tieħu sehem fil-ħidma evoluttiva dwar is-sistema GHS fil-livell tal-Ġnus Magħquda.

6.2.3. *Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)*

☐ Karigi attwalment allokati lit-tmexxija tal-programm li se jinbidlu jew jiġu estiżi

☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

☐ Karigi li se jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

X Karigi li jridu jerġgħu jimtlew permezz ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (tqassim mill-ġdid intern)

---

23 L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza
24 L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza
25 L-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza

☐ Karigi meħtieġa għal sena n iżda mhux previsti għall-eżerċizzju APS/PDB tas-sena konċernata

6.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq tmexxija amministrattiva)

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Linja Baġitarja (għadd u intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi spejjeż ta' persunal relatati)							
Aġenziji eżekuttivi[26]	***Mhux applikabbli***						
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- *Intra muros*							
- *Extra muros*							
Għajnuna teknika u amministrattiva totali							

6.2.5. Spiża finanzjarja ta' riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351
Persunal finanzjat mill-Art. XX 01 02 (awżiljarju, TMIEM, persunal bil-kuntratt, eċċ.) (linja baġitarja speċifika)	--	--	--	--	--	--
Spiża totali ta' Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351	0.351

[26] Ir-referenzi għandhom isiru għall-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja għall-Aġenzija(Aġenziji) Eżekuttivi konċernati.

Kalkolu – *Uffiċjali u Aġenti Temporanji*

Għandha ssir referenza għall-Punt 6.2.1, jekk applikabbli.

Huwa assumat li l-ispiża medja għal uffiċjal jew aġent temporanju AD hija € 117.000 fis-sena.

Kalkolu - *Persunal finanzjat mill-Art. XX 01 02*

Għandha ssir referenza għall-Punt 6.2.1, jekk applikabbli.

6.2.6 Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	***Mhux applikabbli***						
XX 01 02 11 02 – Laqgħat & Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati*							
XX 01 02 11 04 – Studji & Konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' tagħrif							
2. Total ta' Nefqa ta' Tmexxija Oħra (XX 01 02 11)							
3. Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (speċifika filwaqt li tinkludi referenza għal linja baġitarja)							
Nefqa amministrattivi totali, għajr għal riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inkluži fl-ammont ta' referenza)							

* Il-Kumitati Tekniċi meħtieġa għal din il-proposta leġiżlattiva huma Kumitati stabbiliti fil-livell ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi l-ġdida. Il-ħidmiet tagħhom jinkludu *inter-alia* xogħol relatat mal-Klassifikar u t-Tikkettar. L-ispejjeż kollha għal dawn il-Kumitati Tekniċi se jinġarru mill-baġit ta' l-Aġenzija għas-Sustanzi Kimiċi.

* Il-Kumitat tal-Komitoloġija meħtieġ għat-tmexxija tal-leġiżlazzjoni l-ġdida wisq probabbli se jkun l-istess Kumitat bħal dak meħtieġ għal-leġiżlazzjoni REACH. Għalhekk mhux se jkun hemm spejjeż addizzjonali għall-ħidma tal-Kumitat.

* Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom jiġu koperti fl-allokazzjoni mogħtija lid-DĠs ta' tmexxija (koresponsabbiltà ta' ENTR u ENV) fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali.

Kalkolu - *Nefqa amministrattiva oħra mhux inkluża fl-ammont ta' referenza*